TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 187/17-F

**Joseph Borg**

**vs**

**Tablets & More – Daniel Cachia**

Illum 29 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 t'Ottubru, 2017 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, mija u erbgħa u ħamsin ewro (€1,154), rappreżentanti prezz ta' żewġ portable airconditions.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara żewġ portable airconditions u li dawn jagħmlu ħafna storbju u li qabel ma xtrahom kien saqsa dwarhom u s-soċjeta' ntimata kienet qaltlu li ma jagħmlux ħsejjes.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, iħoss illi mhuwiex aċċettabbli li min jixtri airconditions jiġi subit għal storbju għoli meta jkunu qed jużaw l-airconditions.

**Għal dawn il-motivi:**.

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf ewro (€1,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi ż-żewġ airconditions jiġu propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**